- *validita` ta' Rikors Maħluf maħruġ kontra persuna mejta*
- *tiswija tal-atti skont Art. 175 tal-Kap. 12*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Franmar Limited C41545**

**Vs**

**Rev. Father Joseph Bartolo, detentur karta ta' l-identita' numru 535244M f'ismu proprja u kif ukoll għan-nom u in rappresentanza tż-żewġ ħutu Suor Lorenza Bartolo detentriċi karta ta' l-identita' numru 732631M u Maria Carmela Farrugia Passaport Awstraljan numru PA 2765267 u b'digriet tas-16 ta' Lulju ġew nominati Dr Graziella Tanti u PL Gillian Muscat bħala kuraturi għal Suor Lorenza Bartolo u Maria Carmela Farrugia; u kif ukoll George Bartolo detentur karta tal-identita' numru 314030M**

**Rikors Ġuramentat numru 395/2019GM**

**ILLUM 1 ta' Diċembru 2020.**

**Sentenza *in parte*.**

Il-Qorti:

Ikkunsidrat:

L-attriċi ħarrket lil George Bartolo u lil Dun Joseph Bartolo f'ismu u f'isem ħutu Suor Lorenza Bartolo u Maria Carmela Farrugia biex jonoraw konvenju li permezz tiegħu obbligaw ruħhom ibiegħulha proprjeta` f'San Ġiljan. Il-konvenuti George u Dun Joseph eċċepew preliminarjament li r-Rikors Guramentat huwa null billi:

(1) l-atturi ħarġuh kontra Suor Lorenza u Maria Carmela meta kienu jafu li kienu mejtin kif jirriżulta mir-riferta tal-ittra uffiċjali ppreżentata mal-istess rikors.
(2) kwalsiasi mandat li seta' kellu Dun Joseph mingħand ħutu ntemm ma' mewthom.

Din hija sentenza dwar dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari.

B'rikors tas-27 ta' Mejju 2019 l-attriċi, wara li ppremettiet li kwalsiasi mandat li seta' kellu Dun Joseph intemm mal-mewt ta' ħutu, talbet li jinħatru kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eredi ta' Suor Lorenza u Maria Carmela.

Waqt l-udjenza tat-28 ta' Mejju 2019 il-Qorti laqgħet "it-talba għan-nomina ta' kuraturi sabiex jirrappreżentaw il-mejtin Suor Lorenza Bartolo u Maria Carmela Farrugia". Preżenti għal dik l-udjenza kien hemm Dr. Austin Gauci Maistre u Dr Paul Gauci Maistre. M'hemmx ivverbalizzat li qanqlu xi oġġezzjoni għat-talba fir-rikors.

Fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2019 Dr Robert Gauci Maistre nforma lill-Qorti li l-konvenut George Bartolo miet fil-mori tal-kawża. Fl-udjenza tad-29 t'Ottubru 2019 il-Qorti laqgħet rikors ta' Carmelina Bartolo, armla ta' George Bartolo, biex il-ġudizzju jiġi trasfuż f'isimha. Il-kawża ġiet differita għall-ħatra tal-kuraturi. Fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2020 deher Dr Paul Gauci Maistre u l-Qorti nnutat li kien għad fadal li ssir il-pubblikazzjoni għan-nomina tal-kuraturi. Il-kawża ġiet differita għar-regolarizzazzjoni tal-atti għall-20 ta' Frar 2020 f'liema data l-kawża reġgħet

ġiet iddifferita għall-istess raġuni. Fit-23 t'April il-kawża ġiet differita minħabba l-Avviż Legali Numru 61 tat-2020. Fit-23 ta' Ġunju l-avukati Gauci Maistre ma dehrux u l-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari. Fit-30 ta' Lulju l-kuraturi ddikjaraw li ġew notifikati; deher Dr Farrugia Sacco għall-konvenuti u l-kawża ġiet differita għat-tieni darba għat-trattazzjoni dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari.

Waqt l-udjenza tal-10 ta' Settembru l-kawża ġiet differita għall-probabbli transazzjoni u fin-nuqqas għat-trattazzjoni. Billi t-transazzjoni ma seħħitx saret it-trattazzjoni bil-fomm dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet fis-seduta tat-2 t'Ottubru 2020 u l-kawża ġiet differita għallum għas-sentenza.

F'din il-kawża, ir-Rikors Guramentat ġie ppreżentat kontra għadd ta' persuni, uħud ħajjin u oħrajn mejtin.

Qabel xejn il-Qorrti tirrimarka li hi x'inhi l-pożizzjoni tal-konvenuti mejtin, f'każijiet bħal dawn il-Qrati qiesu li l-att in kwistjoni, kemm jekk ikun Rikors Guramentat kif ukoll jekk ikun xi għamla oħra t'att ġudizzjarju, xorta waħda huwa validu fil-konfront tal-konvenuti jew intimati oħra ħajjin.[1]

It-tema ta' nullita` tal-atti ġudizzjarji hija prinċipalment trattata fl-Artiklu 789 tal-Kap 12 jistipula hekk:

[1] Salvu Grixti v. Gaetano Schembri 30.12.1994, Appell Civili, Kollez. LXXVIII.ii.425 *coram* S.T.O. Giuseppe Mifsud Bonnici, President, Onor. Imħallef Carmel A. Agius, Onor. Imħallef Noel V. Arrigo; Cranes & Commercial Sales Ltd v Carmelo Buhagiar 27.07.2015 Mandat t'Inibizzjooni Nru 80/2015 Prim'Awla, *coram* Onor. Imħallef J.R. Micallef;

**789.** (1) L-eċċezzjoni ta’ nullita` tal-atti ġudizzjarji tista’ tingħata -

(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;

(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;

(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta’ nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort’oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;

(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:

Iżda dik l-eċċezzjoni ta’ nullità kif maħsuba fil-paragrafi (*a*), (*ċ*), u (*d*) ma tkunx tista’ tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.

Fil-każ ta’ persuna ħajja li tkun konvenuta f’kawża iżda tmut fil-kors tal-kawża, il-liġi tipprovdi proċedura kif tista’ tiġi sostitwita bl-eredi tagħha jew fin-nuqqas tiġi rappreżentata minn kuraturi.[2] Jekk ma ssirx it-trasfużjoni tal-ġudizzju b’xi wieħed minn dawn il-mezzi, il-Qrati kienu jqisu – tajjeb jew ħażin – li s-sentenza li eventwalment tkun ippronunzjata tkun nulla. B’danakollu, il-leġislatur, permezz tal-Artiklu 810B għamilha ċara li sentenza maħruġa kontra persuna mejta mhix nulla.[3] B’danakollu, l-leġislatur xorta baqa’ sieket dwar att maħruġ kontra persuna **diġa` mejta.** Iqum għalhekk il-kweżit jekk difett bħal dan jistax jissewwa.

[2] Art. 806 et seq. Kap 12
[3] l-Art. 810B ġie miżjud b’Att XVII.2012.6

It-tiswija tal-atti hija rregolata mill-**Artiklu 175(1)** tal-Kap 12:

> "Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, **jew billi jissewwa kull żball ieħor** jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, **sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża**."

L-artikolu 175 ġie ntrodott fuq l-inizjattiva ta' Sir Andrew Jameson[4], l-avukat Skoċċiż li ġie mqabbad mill-kolonjalist Ingliż biex jikkummenta fuq l-abbozz tal-kodiċi tal-proċedura imħejji minn ħames ġuristi Maltin. Huwa pprotesta b'mod pjuttost qawwi kontra l-mod kif dawn baqgħu, fil-fehma tiegħu, marbutin mal-formaliżmu. Fil-fatt il-Kummissjoni *ad hoc* tal-1848 fuq l-artikolu relattiv (180) fl-abbozz kienu ssuġġerew li fl-atti ġudizzjarji kellha tiġi pprestata attenzjoni kbira għall-isem tal-partijiet u tal-kapacità li fiha kienu jidhru u li kull nuqqas kellu jwassal għan-nullità b'dan però li f'ċerti każijiet fejn il-kwistjoni tkun tqajmet *in limine litis* il-Qorti kienet awtorizzata tikkoreġi l-iżball;

Jameson oġġezzjona li l-artikolu ssuġġerit ma kienx jagħti poteri wiesa biżżejjed lill-Qrati biex jiġu evitati inġustizzji u kien issuġġerixxa li jiġi segwit dak li kien jipprovdi fir-rigward in-New York Code of Procedure kif viġenti dak iż-żmien li kellu skont hu '*provisions that are so evidently in conformity with reason and justice*';

Fil-fatt l-artikolu 180 ġie *redrafted* kompletament u għalkemm il-kliem adoperati huma differenti ġie jaqbel fis-sustanza mad-disposizzjoni tal-Artiklu 670 tal-kodiċi Amerikan imsemmi;

---

[4] Observations on the Proposed Code of Organisation and Civil Procedure for the Island of Malta (London) 1851

Tul is-snin dan l-artikolu kif oriġinarjament ippromulgat u kif sussegwentement emendat serva u ġie użat mill-Qrati tagħna biex jiġu evitati dupliċità ta' kawżi u biex jiġi evitat dak il-formaliżmu rigoruż li ħafna drabi kien iwassal għal biex jiġi stultifikat il-kunċett tal-ġustizzja.

Is-setgħat mogħtija lill-Qrati biex jikkoreġu l-iżbalji hi mill-iktar wiesa: **kull żball** jista' jiġi kkoreġut, bla ebda limitu għajr wieħed: skont it-test oriġinali tal-kodiċi tal-proċedura, **il-korrezzjoni ma tistax tbiddel is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjoni**. Fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-1993, żdied il-kliem: **fuq il-mertu tal-kawża[5].** Emenda li kompliet wessgħet is-setgħat tal-Qorti billi llum tista' wkoll issewwi żbalji ta' sustanza ta' natura proċedurali.

Illi mingħajr dubbju l-iżball tal-atturi f'din il-kawża huwa wieħed proċedurali. Tħarrku mejtin minflok il-werrieta tagħhom jew kuraturi biex jirrapreżentawhom. Mhux eskluż li meta tiġi sostitwita persuna b'oħra, jew tinbidel il-kapaċita` li fiha persuna tkun qiegħdha tidher, ikun tibdil fis-sustanza tal-mertu tal-każ. Fil-każ preżenti, iżda, il-korrezzjoni ma timplika l-ebda bdil tal-parti fil-kawża. Il-parti tibqa' l-istess anke jekk il-persuna tiġi sostitwita bil-werriet jew werrieta tagħha inkella permezz ta' kuratur.

Illi l-mewt hija l-ġrajja li ġġib fi tmiemha ħajjet il-bniedem u twaqqaf il-kapaċità ġuridika tal-persuna. Għalkemm m'hemm l-ebda norma leġislattiva f'dan is-sens, huwa prinċipju magħruf illi l-mewt teskludi għal kollox l-idonjetà tas-suġġett li jġorr drittijiet u dmirijiet. B'danakollu, dan jista' jkollu jeddijiet u dmirijiet li jgħaddu għand il-werrieta, li jassumu l-personalità ġuridika tad-*decujus*.

Kif inhu magħruf, kull persuna tagħmel tajjeb għall-obbligazzjonijiet tagħha bi

[5] Att XXIV.1995.95

ħwejjiġha preżenti u futuri. Il-mewt ma ġġibx fi tmiemha din il-garanzija, lanqas jekk ma jkunx hemm werrieta, bħal fil-każ fejn dawn jirrifjutaw il-wirt. Il-patrimonju tal-mejjet jibqa' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-kredituri. Għaldaqstant, għalkemm mhux persuna ġuridika, il-wirt battal xorta jista' tkun "parti" f'kawża: kelma li tirreferi, fil-lingwaġġ ġuridiku proċesswali, għal dawk li jiftħu l-proċess u għal dawk li jissubixxu l-effetti tiegħu, b'mod li jkunu destinatarji tal-provvedimenti li permezz tagħhom jiżvolġi u jiġi konkluż il-proċess. Tant li l-Kodiċi Ċivili jsemmi espliċitament "l-jeddijiet tal-wirt" battal kif ukoll it-"talbiet ġudizzjarji li jinġiebu kontra l-wirt" battal (Artiklu 904(2)).

Għaldaqstant, jekk il-Qorti tissostitwixxi persuna mejta li tkun ġiet konvenuta f'kawża bil-werrieta tagħha, jew, fin-nuqqas, b'kuratur li jirrapreżenta l-eredita` tagħha, tkun qiegħdha tbiddel il-persuna li tirrapreżenta lill-parti, iżda mhux lill-parti nnifisha.

Għalkemm, kif diġa` ngħad iktar 'il fuq f'din is-sentenza, il-liġi ma tkoprix dan it-tip ta' każ espressament, il-Qorti ma tarax l-għala m'għandux ikun hemm is-sostituzzjoni tal-kuraturi għall-konvenuti mejta; anke jekk dan strettament mhuwiex "leġittimazzjoni tal-atti." Il-liġi trid tiġi nterpretata b'mod li tkun konsistenti magħha nfisha; ma jagħmilx wisq sens li jekk konvenut imut waqt is-smiegħ ta' kawża jkun jista' jiġi sostitwit, iżda mhux jekk jirriżulta mejjet sa mill-bidunett; speċjalment meta wieħed iqis li sentenza (ċjoe` l-att li jtemm il-proċess ġudizzjarju) kontra konvenut li jkun miet waqt is-smiegħ tal-kawża tkun valida anke jekk ma tkunx saret il-proċedura tat-trasfużjoni tal-ġudizzju.

Barra minn hekk hija l-liġi stess, fil-preċitat Artiklu 175 tagħti setgħat mill-iktar wiesa lill-Qorti, inkluż li ssewwi "żball fl-isem tal-partijiet jew **fil-kwalità li fiha**

**jidhru**, jew **billi jissewwa kull żball ieħor"**[6] (dejjem sakemm is-sustanza tal-mertu tibqa' bla mittiefsa).

F'din il-kawża hemm kunsiderazzjoni oħra li timmilita kontra n-nullita`: il-konvenuti ma pprotestawx meta saret il-ħatra tal-kuraturi, u għalhekk akkwijixxew għat-tiswija tad-difett li seta' jsarraf fin-nullita` tal-atti jew parti minnhom.[7]

Il-Qorti mhix sejra tiddilunga u titratta fid-dettal it-tieni eċċezzjoni, in kwantu għalkemm m'hemmx dubbju li kwalunkwe mandat li seta' kellu Dun Joseph Bartolo mingħand ħutu ntemm ma' mewthom, il-kunsiderazzjoni ġja` svolti dwar l-ewwel eċċezzjoni japplikaw, *mutatis mutandis*, għal din l-eċċezzjoni wkoll.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħdha tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjoni tal-konvenuti minħabba li l-atti ġew issanati fil-kors tas-smiegħ tal-kawża.

Billi l-eċċezzjonijiet kienu validi meta ngħataw fl-istadju inizjali tal-kawża, l-ispejjeż ta' din is-sentenza huma a kariku tas-soċjeta` attriċi.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

---

[6] L-enfażi hija miżjuda mill-Qorti.

[7] Il-liġi tipprovdi espressament għal din l-eventwalita` permezz tal-Artiklu 789(2) tal-Kap 12 "meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħet tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi n-nullita`. Iżda dan il-provvediment jgħodd biss għan-nullitajiet fl-Art. 789(1)(ċ) – vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi. S'intendi – apparti li ma jidhirx li hu każ li jaqa' taħt l-Art. 789(1)(1) - dan hu differenti minn dak li ġara f'din il-kawża l-eċċezzjoni tan-nullita` ingħatat mill-ewwel; is-silenzju tas-soċjeta` attriċi seħħ meta ġie msewwi d-difett fir-rikors ġuramentat.